MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 826/2005

**Maltacom plc. u b'digriet tat-Tribunal tal-21 ta' Novembru, 2007 l-isem tas-socjeta' attrici gie sostitwit bil-kliem GO plc**

**Vs**

**Martin Farrugia u b'digriet tal-15 ta' Novembru, 2005 giet kjamata fil-kawza Alison Farrugia, mart il-konvenut**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn iddikjara li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm724.64), cioe' llum ekwivalenti ghal elf, sitt mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u disghin centezmi (€1,687.96) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21632235 (CN995322- AC 1003980). Inoltre l-konvenut gie interpellat diversi drabi, izda baqa'

inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza kontra l-konvenut. Bl-imghax u l-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi preliminarjament il-gudizzju m'huwiex integru peress li ma tharrkitx Alison Farrugia li tigi martu (huma zzewwgu fl-20 ta' Ottubru, 1996) u li tokkupa esklussivament il-fond li ghalih jirreferixxi il-kont tat-telefon mertu ta' din il-kawza u ghalhekk dina ghandha tigi kjamata fil-kawza.

Salv eccezzjonjiet ohra.

B'digriet tal-15 ta' Novembru, 2005 giet ordnata l-kjamata fil-kawza ta' Alison Farrugia, mart il-konvenut, li pero' ma pprezentat l-ebda risposta fil-proceduri odjerni.

Dr. Keith Grech, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici ddikjara li l-ammont ghadu dovut.

Mis-seduti rrizulta li l-konjugi Farrugia kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u kellu jintlahaq ftehim ghal dak li jirrigwarda tali dejn, izda tul diversi seduti, il-konvenuti ma gabu l-ebda prova tas-separazzjoni u per konsegwenza naqsu li jgibu provi dwar l-assenjazzjoni ta' tali dejn.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidra</u>

F'dina l-kawza hemm nuqqas ta' provi peress li l-konvenut u martu Alison Farrugia naqsu li jipproducu provi in sostenn tat-talbiet attrici. Minkejja dan, kemm il-konvenut, kif ukoll martu bhala kjamata fil-kawza dehru u ddikjaraw li kien hemm proceduri ta' separazzjoni u kien jehtieg li jaslu ghal ftehim fuq dan id-dejn.

Dan ifisser li hemm accettazzjoni ta' dan id-debitu. Jibqa' biex jigi kkunsidrat min minnhom huwa responsabbli ghal tali dejn. L-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku sar fit-13

ta' Settembru, 1996 u bhala 'subscriber' hemm indikat il-konvenut, minkejja li kien ta prokura lil Alison Farrugia, dak iz-zmien kienet ghadha t-tfajla tieghu.

Precisament jidher li kienu zzewwgu f'Ottubru, 1997.

Kienet tkun kwistjoni ohra jekk id-dejn pendenti kien jammonta ghal zmien qabel ma zzewwgu l-konjugi Farrugia. Jirrizulta pero' li l-kontijiet imorru lura ghad-9 ta' Jannar, 2002 u ghalhekk fiz-zmien meta l-konjugi Farrugia kienu zzewwgu. Dan id-debitu huwa debitu li jinkombi fuq il-kommunjoni tal-akkwisti bla ebda dubju.

Jekk hemm separazzjoni personali jew le hija kwistjoni bejn il-konvenut u l-kjamata fil-kawza li kellhom zmien bizzejjed sabiex jirregolaw il-posizzjoni taghhom f'dan ir-rigward. Il-posizzjoni tas-socjeta' attrici ma tistax tigi ppregudikata lanqas biz-zmien u lanqas minhabba xi piki bejn il-konjugi, aktar u aktar meta hemm accettazzjoni da parti taghhom tal-istess debitu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-kovenut u l-kjamata fil-kawza . L-eccezzjoni preliminari tal-konvenut illum tinsab sorpossata bid-digriet imsemmi supra u qed tigi dikjarata estinta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut u l-kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------